A.L. 91 ta' l-1998

ATT TA' L-1994 DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (ATT NRU. XVIII TA' L-1994)

Regoli ta' l-1998 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Formola tal-Prospett tat-Taxxa fuq l-*Income* għal Kumpannija, Korp Magħqud jew Intrapriża

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 57 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel dawn ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1998 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Formola tal-Prospett tat-Taxxa fuq l-*Income* għal Kumpannija, Korp Magħqud jew Intrapriża, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1995 dwar il-Formola tal-Prospett tat-Taxxa fuq l-*Income* għal Kumpannija, Korp Magħqud jew Intrapriża, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 36 ta' l-1995.

(2) Dawn ir-regoli jibdew iseħħu mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta għar-rigward tas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 1998 u tas-snin ta' stima li jiġu wara.

Temenda l-Iskeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:—

(a) minflok il-kliem:

"1. Numru tal-'Parnership' ☐☐☐☐☐☐☐☐
1(a). Numru tal-VAT ☐☐☐☐☐☐☐☐ ",

għandhom jidħlu l-kliem:—

"1. Numru tal-'Partnership' ☐☐☐☐☐☐☐☐
1(a). Numru tas-CET ☐☐☐☐☐☐☐☐ ", u

(b) minflok it-TAQSIMA 5 tagħha għandu jidħol dan li ġej:—

"

TAQSIMA 5 INFORMAZZJONI OĦRA

RIKONĊILJAZZJONI TA' SALARJI, PAGI, EĊĊ

1. Emolumenti 'gross' kif rapportati taħt is-sistema tal-PAYE/FSS
2. Emolumenti 'gross' li jaqgħu taħt ir-regoli tax-xogħol 'Part Time'
3. Emolumenti oħra mhux inklużi taħt 1 u 2 hawn fuq
4. Aġġustamenti :
   - *a) Sehem min iħaddem tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali*
   - *b)* _____
   - *c)* _____
   - *d)* _____
   - *e)* _____
   - *f)* _____
   - *g)* _____
   - *h)* _____
   - *i)* _____

NOTA :
F'dawk il-każi fejn is-salarji, pagi, eċċ, huma rappurtati lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni taħt forma 'centralizzata' jew ta' 'grupp', dik il-parti attribwibbli lil-kumpannija għandha titniżżel.

Dawn l-emolumenti huma rappurtati bin-numru/numri tal-P.E.

Imniżżla fil-kotba tal-kontijiet bħala :

Salarji .....
Pagi .....
Remunerazzjoni lid-diretturi ...
Oħrajn (speċifika) .....
. .....

◀ Dawn it-TOTALI jridu jaqblu ▶

"